**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **548/2023**

**CONNIE FRANKLIN AZZOPARDI (KI 0551387M)**
**SARAH BUHAGIAR (KI 0002985M)**
**KATYA MARIA BORG (KI 0387586M)**
**CARL PACE (KI 0263589M)**

**vs**

**PARAGON LIMITED (C-34186)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, ħdax (11) ta' Lulju 2025**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba magħmula permezz ta' rikors tar-rikorrenti ppreżentat fis-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju 2023 ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex is-soċjeta' intimata tiġi kundannata tħallas lill-attriċi Connie Franklin Azzopardi s-somma ta' €12,391.88, lill-attriċi Sarah Buhagiar is-somma ta' €14,124.15, lill-attriċi

Katya Maria Borg is-somma ta' €2,672.14 u lill-attur Carl Pace is-somma ta' €21,854.88.

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju 2023, ir-rikorrenti **<u>Connie Franklin Azzopardi et</u>** ippremettew:

   a. *Illi r-rikorrenti kienu lkoll impjegati tas-soċjeta' intimata, u dan billi:*

      a. *Ir-rikorrenti Connie Franklin Azzopardi kienet impjegata fil-kapaċita ta' Financial Officer, fuq bażi full time reduced u b'kuntratt ta' impjieg indefinit (Dokument anness bħala Dok E);*

      b. *Ir-rikorrenti Sarah Buhagiar kienet impjegata fil-kapaċita ta' Finance Officer, fuq bażi full time u b'kuntratt ta' impjieg indefinit (Dokument anness bħala Dok F);*

      c. *Ir-rikorrenti Katya Maria Borg kienet impjegata fil-kapaċita ta' Operations Executive, fuq bażi part time u b'kuntratt ta' impjieg każwali (Dokument anness bħala Dok G); u*

      d. *Ir-rikorrent Carl Pace kien impjegat fil-kapaċita ta' Senior Manager, fuq bażi full time u b' kuntratt ta' impjieg indefinit (Dokument anness bħala Dok H).*

   b. *Illi riċentement is-soċjeta' intimata għaddiet minn problemi ta' likwidita u dan fil-grad li – dejjem skond l-uffiċjali fi ħdan is-soċjeta' intimata – hija kienet prekluża milli tonora d-debiti tagħha b' mod sħiħ u tempestiv.*

   c. *Illi fil-fatt is-soċjeta' intimata naqset, għal diversi xhur, milli tħallas lir-rikorrenti dak lilhom dovut skond il-kuntratti tal-impjieg relattivi tagħhom.*

d. *Illi, peress li r-rikorrenti ġew assigurati mill-uffiċjali tas-soċjeta' intimata li tali nuqqas ta' ħlas kien wieħed temporanju xprunat minn mumenti kummerċjalment diffiċli, ir-rikorrenti baqgħu fl-impjieg u baqgħu jaqdu l-funzjonijiet tagħhom b'mod sħiħ u b' sagrifiċċju – u dan fit-tama li hekk kif is-soċjeta' intimata tiġi fuq saqajha, huma jkunu jistgħu jitħallsu dak kollu lilhom dovut.*

e. *Illi sfortunatament minkejja t-trapass ta' żmien, minkejja li l-qagħda finanzjarja tas-soċjeta' intimata tjiebet u minkejja l-isforzi u s-sagrifiċċji kollha tar-rikorrenti, is-soċjeta' intimata baqgħet ma wettqitx il-ħlasijiet dovuti lir-rikorrenti.*

f. *Illi dan wassal lir-rikorrenti – lkoll persuni bil-familji u l-impenji personali tagħhom – fl-estremita' li ma setgħux jibqgħu fl-impjieg tas-soċjeta' intimata.*

g. *Illi għalhekk il-kuntratti tal-impjieg bejn ir-rikorrenti u s-soċjeta' intimata ġew diversament terminati u llum ebda mir-rikorrenti ma għadu impjegat tas-soċjeta' intimata (Dokumenti annessi bħala Dok I - L).*

h. *Illi minkejja tali terminazzjoni tar-relazzjoni tal-impjieg, is-soċjeta' intimata xorta naqset milli tħallas lir-rikorrenti l-ammonti lilhom dovuti għax-xhur li fihom ir-rikorrenti kienu għadhom fl-impjieg u li tagħhom kienu għadhom ma tħallsux.*

i. *Illi sal-ġurnata tal-ippreżentar ta' din l-azzjoni, l-ammonti spettanti lir-rikorrenti mingħand is-soċjeta' intimata inter alia għal salarji, bonusijiet u sahra mhux utilizzata jikkonsistu fis-segwenti figuri lkoll ċerti, likwidi u dovuti:*

   a. *Illi r-rikorrenti Connie Franklin Azzopardi hija dovuta s-somma komplessiva ta' tnax-il elf, tlett mija u wieħed u disgħin Ewro u*

*tmienja u tmenin ċenteżmu (€12,391.88), u dan kif dettaljat fid-dokument anness bħala Dok M;*

b. *Illi r-rikorrenti Sarah Buhagiar hija dovuta s-somma komplessiva ta' erbatax-il elf, mija u erbgħa u għoxrin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€14,124.15), u dan kif dettaljat fid-dokument anness bħala Dok N;*

c. *Illi r-rikorrenti Katya Maria Borg hija dovuta s-somma komplessiva ta' elfejn sitt mija u tnejn u sebghin Ewro u erbatax-il ċenteżmu (€2672.14), u dan kif dettaljat fid-dokument anness bħala Dok O;*

d. *Illi r-rikorrent Carl Pace huwa dovut is-somma komplessiva ta' wieħed u għoxrin elf, tmien mija u erbgħa u ħamsin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€21,854.88), u dan kif dettaljat fid-dokument anness bħala Dok P.*

j. *Illi minkejja li s-soċjeta' intimata ġiet diversament interpellata sabiex twettaq il-ħlasijiet dovuti lir-rikorrenti, minkejja wegħdiet ta' ħlas, u minkejja li saħansitra sar ilment formali mad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg – liema lment wassal sabiex jittieħdu proċeduri kriminali kontra l-uffiċjali tas-soċjeta' intimata – l-istess soċjeta' intimata baqgħet inadempienti.*

k. *Illi għalhekk ir-rikorrenti ma kellhomx għażla għajr li jipproċedu permezz tal-preżenti azzjoni sabiex jitolbu r-rimedji kollha lilhom mogħtija fil-Liġi.*

l. *Illi ai fini tal-Artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u l-Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti jiddikjaraw li s-soċjeta' intimata m'għandha ebda eċċezzjoni x' tagħti kontra t-talba tar-rikorrenti, u dan anki kif jirriżulta mid-dikjarazzjonijiet ġuramentati annessi.*

m. *Illi r-rikorrenti jikkonfermaw li huma jafu b'dawn il-fatti personalment.*

3. Għaldaqstant, ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex:

   i. *Taqta' u tiddeċiedi t-talbiet rikorrenti bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża u dan billi jikkonkorru l-ħtiġijiet kollha skont l-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

   ii. *Tiddikjara li għar-raġunijiet premessi s-soċjeta' intimata hija debitriċi tar-rikorrenti Connie Franklin Azzopardi fl-ammont ċert likwidu u dovut ta' tnax-il elf, tlett mija u wieħed u disgħin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€12,391.88);*

   iii. *Tiddikjara li għar-raġunijiet premessi s-soċjeta' intimata hija debitriċi tar-rikorrenti Sarah Buhagiar fl-ammont ċert likwidu u dovut ta' erbatax-il elf, mija u erbgħa u għoxrin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€14,124.15);*

   iv. *Tiddikjara li għar-raġunijiet premessi s-soċjeta' intimata hija debitriċi tar-rikorrenti Katya Maria Borg fl-ammont ċert, likwidu u dovut elfejn sitt mija u tnejn u sebghin Ewro u erbatax-il ċenteżmu (€2672.14).*

   v. *Tiddikjara li għar-raġunijiet premessi s-soċjeta' intimata hija debitriċi tar-rikorrent Carl Pace fl-ammont ċert, likwidu u dovut ta' wieħed u għoxrin elf, tmien mija u erbgħa u ħamsin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€21,854.88).*

   vi. *Tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrenti Connie Franklin Azzopardi l-ammont ċert likwidu u dovut ta' tnax-il elf, tlett mija u wieħed u disgħin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€12,391.88);*

   vii. *Tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrenti Sarah Buhagiar l-ammont ċert likwidu u dovut ta' erbatax-il elf, mija u erbgħa u għoxrin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€14,124.15);*

*viii. Tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrenti Katya Maria Borg l-ammont ċert, likwidu u dovut ta' elfejn sitt mija u tnejn u sebghin Ewro u erbatax-il ċenteżmu (€2672.14) (€2672.14).*

*ix. Tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrent Carl Pace l-ammont ċert, likwidu u dovut ta' wieħed u għoxrin elf, tmien mija u erbgħa u ħamsin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€21,854.88).*

*Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-mandati kawtelatorji li qed jiġu preżentati kontestwalment ma din il-kawża, u bl-imgħaxijiet skond il-liġi sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-soċjeta' intimata, ir-rappreżentanti ta' liema huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar is-sitta (6) ta' Ġunju 2023, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar il-Ħamis, tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju 2023, b'ordni lis-soċjeta' konvenuta sabiex tidher f'dik il-ġurnata u twieġeb għat-talba tar-rikorrenti, u fin-nuqqas, il-Qorti tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti;

5. Waqt is-seduti tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju 2023, erbatax (14) ta' Lulju 2023 u tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru 2023, il-kawża baqgħet differita għan-notifika tas-soċjeta' konvenuta;

6. Waqt is-seduta tas-sitta u għoxrin (26) t'Ottubru 2023, il-Qorti, wara li semgħet l-avukati difensuri tal-partijiet, dehrilha illi s-soċjeta' konvenuta kellha difiża x'tagħmel għat-talbiet rikorrenti, u kkonċeditilha għoxrin (20) jum għar-risposta ġuramentata;

7. Permezz ta' risposta ġuramentata datata għaxra (10) ta' Novembru 2023, is-soċjeta' intimata **Paragon Limited** eċċepiet:

*a. Illi fl-ewwel lok u fuq bażi preliminari, qed tiġi eċċepita n-nullita' ta' dawn il-proċeduri stante li r-rikorrenti intavolaw azzjoni waħda minflok azzjonijiet differenti stante illi minkejja illi l-fatti ta' kull rikorrent huma simili huma qegħdin jitolbu ammonti differenti illi għalhekk il-pretenzjonijiet tagħhom kellhom jitressqu permezz ta' kawżi separati;*

*b. Illi subordinament u mingħajr preġudizzju, l-intimata topponi t-talbiet kollha attriċi bħala infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*c. Illi kif ser jiġi ppruvat fil-mori, l-intimata ma kkonċeditx l-ammonti ta' sahra, bonusijiet u salarji illi qed jiġu pretiżi mill-atturi b'dana li hija żgur ma tistax taqbel mal-ammont pretiż;*

*d. Illi għalhekk, mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-meritu, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda;*

*e. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li huma minn issa stess inġunti għas-subizzjoni.*

**Il-Qorti**

8. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti datat sitta u għoxrin (26) ta' Mejju 2023, u d-dokumenti annessi miegħu;

9. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Dr Nadia Theuma** in rappreżentanza tas-soċjeta' konvenuta waqt is-seduta tas-sitta u għoxrin (26) t'Ottubru 2023[1], u rat id-dokument minnha esebit u mmarkat **Dok NT1** a fol 43 *et seq* tal-proċess;

[1] It-traskrizzjoni tinsab a fol 40 *et seq* tal-proċess

10. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' intimata datata għaxra (10) ta' Novembru 2023;

11. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Louis Buhagiar**, in rappreżentanza tal-**Jobsplus**, prodott mill-atturi waqt is-seduta tas-sitta (6) ta' Frar 2024[2], u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok LB1 sa LB4** a fol 64 *et seq* tal-proċess;

12. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Tahani Wakil**, in rappreżentanza tad-**DIER**, prodotta mill-atturi waqt is-seduta tas-sitta (6) ta' Frar 2024[3], u rat id-dokumenti minnha esebiti u kollettivament immarkati **Dok TW1** a fol 79 *et seq* tal-proċess;

13. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Joseph Debono**, in rappreżentanza tal-**Kummissarju tat-Taxxi**, prodott mill-atturi waqt is-seduta tat-tnax (12) ta' Marzu 2024[4], u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok JD1** u **Dok JD2** a fol 263 u 264 tal-proċess rispettivament;

14. Rat l-affidavit ta' **Maria Grazia Borg**, immarkat **Dok MGB-01** a fol 268 *et seq* tal-proċess, u d-dokumenti annessi miegħu;

15. Rat l-affidavit ta' **Carl Pace**, immarkat **Dok CP-01** a fol 292 *et seq* tal-proċess, u d-dokumenti annessi miegħu;

16. Rat l-affidavit ta' **Frankline Connie Azzopardi**, immarkat **Dok FDCA-01** a fol 319 *et seq* tal-proċess, u d-dokumenti annessi miegħu;

17. Rat l-affidavit ta' **Katya Maria Borg**, immarkat **Dok KMB-01** a fol 355 *et seq* tal-proċess, u d-dokumenti annessi miegħu;

18. Rat l-affidavit ta' **Sarah Buhagiar**, immarkat **Dok SB-01** a fol 372 *et seq* tal-proċess, u d-dokumenti annessi miegħu;

[2] It-traskrizzjoni tinsab a fol 61 *et seq* tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tinsab a fol 70 *et seq* tal-proċess
[4] It-traskrizzjoni tinsab a fol 260 *et seq* tal-proċess

19. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-i**Spettur Charlotte Curmi**, prodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tas-sitta u għoxrin (26) t'April 2024[5], u rat id-dokument minnha esebit u mmarkat **Dok CC1** a fol 432 *et seq* tal-proċess;

20. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Connie Franklin Azzopardi** waqt is-seduta tal-ħdax (11) ta' Ġunju 2024[6];

21. Rat id-dokumenti esebiti mir-rikorrenti u mmarkati bħala **Dok P1 sa P4** a fol 467 *et seq* tal-proċess;

22. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Connie Franklin Azzopardi**, prodotta mis-soċjeta' konvenuta in kontro-eżami waqt is-seduta tas-sitta (6) ta' Diċembru 2024[7];

23. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' **Sarah Buhagiar** mogħtija bil-ġurament u in kontro-eżami quddiem l-Assistent Ġudizzjarju nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar 2025, a fol 506 *et seq* tal-proċess;

24. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' **Carl Pace** mogħtija bil-ġurament u in kontro-eżami quddiem l-Assistent Ġudizzjarju nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Jannar 2025, a fol 519 *et seq* tal-proċess;

25. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' **Katya Maria Borg** mogħtija bil-ġurament u in kontro-eżami quddiem l-Assistent Ġudizzjarju nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Jannar 2025, a fol 531 *et seq* tal-proċess;

26. Reġgħet rat id-digriet mogħti minn din il-Qorti stess illi permezz tiegħu ġie ordnat l-isfilz tal-affidavits ta' Dr Anthony Theuma u Dr Nadia Theuma a fol 478 sa fol 494 tal-proċess;

27. Rat in-nota tar-rikorrenti illi permezz tagħha r-rikorrenti ddikjaraw illi kienu saru xi pagamenti akkont mis-soċjeta' intimata, a fol 541 tal-proċess;

---

[5] It-traskrizzjoni tinsab a fol 428 *et seq* tal-proċess
[6] It-traskrizzjoni tinsab a fol 457 *et seq* tal-proċess
[7] It-traskrizzjoni tinsab a fol 495 *et seq* tal-proċess

28. Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet waqt is-seduta tas-sebgħa (7) ta' Marzu 2025;

29. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum sabiex tingħata sentenza;

30. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

31. Jibda biex jingħad illi, skont in-nota tar-rikorrenti datata sebgħa (7) ta' Marzu 2025, fil-mori tal-proċeduri odjerni, is-soċjeta' konvenuta effettwat xi ħlasijiet akkont kif isegwi:

    - Ir-rikorrenti **Connie Fankline Azzopardi** tħallset is-somma ta' €6,209, b'dana illi jifdal bilanċ ta' **€6,182.88**;

    - Ir-rikorrenti **Katya Maria Borg** tħallset is-somma ta' €3,041.33, b'dana illi jifdal bilanċ ta' **€760.81**;

    - Ir-rikorrenti **Sarah Buhagiar** tħallset is-somma ta' €9,375.84, b'dana illi jifdal bilanċ ta' **€4,748.31**;

    - Ir-rikorrent **Carl Pace** tħallas is-somma ta' €13,649.33, b'dana illi jifdal bilanċ ta' **€8,205.55**;

    Il-Qorti rat illi r-rikorrenti aċċettaw il-ħlasijiet b'riserva għad-dritt tagħhom għall-bilanċ li fadal f'kull każ kif premess;

32. Is-soċjeta' intimata, fit-trattazzjoni finali, tissottometti illi l-pagi dovuti lir-rikorrenti ma kinux qed jiġu kontestati, u li infatti kienu l-pagi illi tħallsu fil-mori tal-kawża. Dawk illi kienu qed jiġu kontestati kienu l-ammonti dovuti f'*vacation leave*, *allowances* u *bonuses*;

33. Sabiex taċċerta ruħha illi l-pagi effettivament tħallsu, din il-Qorti għamlet eżerċizzju fejn qabblet l-ammonti pretiżi mir-rikorrenti fir-rikors promotur mal-*breakdown* tal-ammonti pretiżi kif maqbula mad-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi (DIER)[8], u l-ammonti reklamati fil-proċeduri penali miġjuba fil-konfront tar-rappreżentanti tas-soċjeta' intimata[9], u waslet għas-segwenti figuri:

| **Rikorrent** | **Ammont Globali oriġinarjament pretiż** | **Ammont rappreżentanti Paga** | **Ħlas akkont *pendente lite*** |
|---|---|---|---|
| Connie Franklin Azzopardi | €12,391.88 | €6,190.77 | €6,182.88 |
| Katya Maria Borg* | €2,672.14 | €2,989.70 | €3,041.33 |
| Sarah Buhagiar | €14,124.15 | €8,444.97 | €9,375.84 |
| Carl Pace | €21,854.88 | €14,274.88 | €13,649.33 |

** Din il-Qorti rat illi minkejja illi, fir-rikors promotur, Katya Maria Borg titlob is-somma ta' €2,672.14, din hija parti minn somma ikbar illi kienet lilha dovuta; iżda ġie mgħoddi lilha pagament ta' €1,130 illi kien jinkludi l-paga t'Awwissu 2022 wara illi saru l-kalkoli tad-DIER u qabel ġiet intavolata l-kawża odjerna[10]. Huwa għalhekk illi jirriżulta illi l-ħlas akkont kien f'somma ogħla minn dik pretiża minnha fil-kawża odjerna. Infatti, l-"Ammont rappreżentanti Paga" hawn fuq indikat jinkludi l-paga t'Awwissu 2022 fis-somma ta' €1,130, li hija eskluża mill-pretensjoni rikorrenti.*

34. Din il-Qorti rat illi l-ebda pagament ma jaqbel mas-somma rappreżentanti l-paga dovuta lir-rikorrenti, b'dana illi hemm minnhom fejn sar ħlas oltre l-

[8] Skont l-istatements of accounts formanti parti minn **Dok TW1** a fol 79 *et seq* tal-proċess
[9] **Dok CC1** a fol 432 *et seq* tal-proċess
[10] Vide dikjarazzjoni ġuramentata ta' **Katya Maria Borg** immarkata **Dok C** a fol 11 tal-proċess, u l-*istatement of account* a fol 371 tal-proċess

paga, u oħrajn fejn fadal mill-paga x'jitħallas, nonostante l-insistenza tas-soċjeta' konvenuta illi l-paga mhix qed tiġi kontestata. Huwa evidenti għal din il-Qorti illi l-ħlasijiet illi saru akkont ma sarux sabiex ikopru biss il-pagi illi mhux qed jiġu kontestati, iżda saru bl-intiż illi jibdew jinqatgħu l-ammonti pretiżi mir-rikorrenti skont il-likwidita' tas-soċjeta' rikorrenti f'dan l-istadju. Minn dan isegwi, fil-fehma tal-Qorti, illi s-soċjeta' konvenuta, minkejja l-kontestazzjonijiet illi qajmet rigward il-*bonuses* u *vacation leave*, lanqas qiegħda effettivament tikkontesta l-istess;

35. Fi kwalunkwe każ, iżda, din il-Qorti rat illi l-*bonuses* pretiżi mir-rikorrenti huma jew *bonuses* statutorji illi għalhekk huma dovuti lir-rikorrenti *ex lege* u r-rikorrenti ma jistgħux jiġu mċaħħda minnhom, jew *allowances* skont il-kuntratt t'impjieg. Hekk, per eżempju, **Connie Franklin Azzopardi**, skont il-kuntratt t'impjieg tagħha, kellha tipperċepixxi *Post Tax Allowance* rappreżentanti *Disturbance Allowance* ta' €378 fix-xahar[11], filwaqt illi **Sarah Buhagiar** kellha tipperċepixxi *Post Tax Allowance* ta' €300 fix-xahar[12] u **Katya Maria Borg** kellha wkoll *Post Tax Allowance* ta' €100 fix-xahar[13];

36. Mill-banda l-oħra, f'dik illi hija *vacation leave*, din il-Qorti rat illi minkejja illi **Dr Nadia Theuma** tesebixxi dokument – <u>illi huwa l-unika prova tas-soċjeta' rikorrenti fl-atti tal-proċess</u> – illi fih tressaq il-kalkoli tas-soċjeta' konvenuta ta' *vacation leave* allegatament dovut lir-rikorrenti, din il-Qorti rat illi jirriżulta mix-xhieda kollha prodotti mir-rikorrenti, inkluż ta' **Maria Grazia Borg** illi mhix parti fil-kawża odjerna, illi minkejja illi s-soċjeta' intimata kellha *software* sabiex jinħadem il-*payroll,* dan is-*software* ma kienx jintuża sabiex jiġu rekordjati s-siegħat ta' *vacation* jew *sick leave*, iżda kienet tintuża sistema interna ta' *excel spreadsheet* illi kienet tinżamm fuq OneDrive, u li għaliha kellhom aċċess ukoll Dr Nadia Theuma u Dr Anton Theuma. Għaldaqstant, l-*iscreenshots* fid-dokument esebit minn Dr Nadia Theuma mis-*software* tal-*payroll* ma kienx ser jaqbel mal-*leave*

---

[11] **Dok FCA5** a fol 345 tal-proċess
[12] Vide e-mail a fol 160 tal-proċess
[13] **Dok KMB-01** a fol 355 tal-proċess

effettivament dovut lir-rikorrenti. Bejn il-verżjoni tax-xhieda kollha prodotti mir-rikorrenti, u l-verżjoni mogħtija minn Dr Nadia Theuma, din il-Qorti hija aktar inklinata illi temmen il-verżjoni mogħtija mix-xhieda tar-rikorrenti, u dan għal diversi raġunijiet, fosthom illi: (a) ir-rikorrenti u x-xhieda minnhom prodotti kienu konsistenti fix-xhieda tagħhom, u lkoll qablu illi kien hemm din is-sistema in vigore illi setgħet tagħti diskrepanzi bejn dak illi kien jidher fil-*payslip* u dak effettivament dovut; u (b) is-soċjeta' intimata ma kkontestat il-fatt illi kien in vigore dan l-arranġament fl-ebda punt fil-proċeduri odjerni;

37. Gialadarba stabbilit illi kien hemm din is-sistema, fejn Dr Nadia Theuma u Dr Anton Theuma kellhom aċċess għall-kalkoli kollha illi kellhom x'jaqsmu ma' *leave*, din il-Qorti ma tarax kif jistgħu issa l-istess Drs Theuma jikkontestaw l-ammont ta' *leave* dovut lir-rikorrenti, meta kienu ben konxji tal-fatt illi kien dovut lir-rikorrenti ammont sostanzjali ta' *leave*. Inoltre, u b'mod partikolari, **Carl Pace** jesebixxi *e-mail* spedita lilu minn Caroline Calleja Hili, Uffiċjal tar-Riżorsi Umani fi ħdan is-soċjeta' konvenuta, illi fiha indikatlu illi sal-31 ta' Diċembru 2021, kellu 357.50 siegħa *leave* illi kien għadu ma tteħidx[14]. Huwa evidenti illi kienet il-prassi tal-impjieg fi ħdan is-soċjeta' intimata illi l-*leave* jibqa' jakkumula minn sena għall-oħra. Dan sabiex ma jingħadx ukoll illi s-soċjeta' konvenuta ma tikkontestax il-fatt illi l-*leave* ma kienx jiġi awtorizzat faċilment[15], u li kien għalhekk illi akkumulaw lir-rikorrenti siegħat twal ta' *leave*;

38. Din il-Qorti rat illi, waqt it-trattazzjoni finali, is-soċjeta' konvenuta għamlet referenza għall-fatt illi r-Regolament 8(3) tal-LS 452.87 jistabbilixxi illi *"proporzjon mid-dritt tal-leave li ma taqbiżx il-50% tad-dritt għal-leave li jingħata kull sena tista', bi ftehim reċiproku bejn il-prinċipal u l-impjegat, tingħadda darba biss għas-sena kalendarja li tmiss"*, u ssostni għalhekk illi ma setax jinġema' *leave* għal snin konsekuttivi kif reklamat mir-rikorrenti;

39. Madanakollu, din il-Qorti rat illi kien biss meta ġew intavolati l-proċeduri odjerni illi jidher illi s-soċjeta' intimata sabet oġġezzjoni għall-fatt illi kellu

[14] **Dok CP4** a fol 308 tal-proċess
[15] Vide affidavit ta' **Maria Borg** a fol 271 tal-proċess, u ta' **Carl Pace** a fol 297 tal-proċess

jitħallas il-*leave* akkumulat lir-rikorrenti, u ma kellha l-ebda problema illi tkompli tħalli l-*leave* tal-impjegati jakkumula minn sena għall-oħra qabel infetħu dawn il-proċeduri. Irrispettivament għalhekk minn dak illi jgħid ir-Regolament 8(3) tal-LS 452.87, din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn ir-rikorrenti għandhom, f'dan l-istadju, jiġu mċaħħda minn ħlas illi kellhom aspettattiva leġittima, a bażi ta' pagi oħra mħallsa lilhom mis-soċjeta' intimata, illi se joħduh. Dan aktar u aktar meta wieħed jikkonsidra illi (a) ma tressqet l-ebda prova illi kien hemm ftehim kif kontemplat fir-Regolament 8(3) tal-LS 452.87, u (b) kienu Drs Theuma stess illi kienu jirrifjutaw l-awtorizzazzjoni tal-*leave* lill-impjegati tagħhom;

40. Din il-Qorti rat illi ġew esebiti numru ta' dokumenti mir-rikorrenti illi ma jħallulha l-ebda ombra ta' dubju illi t-talbiet tagħhom għandhom jintlaqgħu. Il-Qorti rat id-diversi messaġġi spediti lil uħud mir-rikorrenti fis-siegħat bekrin ta' filgħodu, jew b'talbiet sabiex ir-rikorrenti jidħlu xogħol jew jagħtu spjegazzjoni ta' xogħol meta l-istess rikorrenti kienu fl-istess nifs qed jitolbu l-ħlas tal-pagi mingħajr indikazzjoni ta' meta l-istess pagi sejrin jitħallsu. Minkejja dawn il-kundizzjonijiet lavorattivi illi din il-Qorti ma tistax ħlief issejħilhom straordinarji, ir-rikorrenti xorta waħda kienu jikkoperaw u jagħmlu dak illi kien jiġi mitlub minnhom, saħansitra anke wara illi ġie tterminat l-impjieg tagħhom. Din il-Qorti ma tarax kif tista' f'dan l-istadju tiġi s-soċjeta' intimata tikkontesta d-*disturbance allowances* dovuti lir-rikorrenti, jew il-*leave* illi kien dovut lir-rikorrenti u ma ngħatawx ċans jutilizzawh;

41. Din il-Qorti ma ssib għalhekk l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex taċċetta r-rendikonti ppreżentati mir-rikorrenti u **tilqa'** t-talbiet rikorrenti kif aġġustati wara l-pagamenti li saru *pendente lite*.

**Decide**

42. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba rikorrenti stante illi ġiet sorvolata fil-mori tal-kawża;

(ii) **<u>Tilqa' t-tieni talba rikorrenti</u>** u tiddikjara li s-soċjeta' intimata hija debitriċi tar-rikorrenti **Connie Franklin Azzopardi** fl-ammont ċert likwidu u dovut kif aġġustat ta' **sitt elef, mija u tnejn u tmenin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€6,182.88)**;

(iii) **<u>Tilqa' t-tielet talba rikorrenti</u>** u tiddikjara li s-soċjeta' intimata hija debitriċi tar-rikorrenti **Sarah Buhagiar** fl-ammont ċert likwidu u dovut kif aġġustat ta' **erbat elef, seba' mija u tmienja u erbgħin Ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€4,748.31)**;

(iv) **<u>Tilqa' r-raba' talba rikorrenti</u>** u tiddikjara li s-soċjeta' intimata hija debitriċi tar-rikorrenti **Katya Maria Borg** fl-ammont ċert, likwidu u dovut kif aġġustat ta' **seba' mija u sittin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€760.81)**;

(v) **<u>Tilqa' l-ħames talba rikorrenti</u>** u tiddikjara li s-soċjeta' intimata hija debitriċi tar-rikorrent **Carl Pace** fl-ammont ċert, likwidu u dovut kif aġġustat ta' **tmint elef, mitejn u ħames Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€8,205.55)**;

(vi) **<u>Tilqa' s-sitt talba rikorrenti</u>** u tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrenti **Connie Franklin Azzopardi** l-ammont ċert likwidu u dovut kif aġġustat ta' **sitt elef, mija u tnejn u tmenin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€6,182.88)**;

(vii) **<u>Tilqa' s-seba' talba rikorrenti</u>** u tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrenti **Sarah Buhagiar** l-ammont ċert likwidu u dovut kif aġġustat ta' **erbat elef, seba' mija u tmienja u erbgħin Ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€4,748.31)**;

(viii) **<u>Tilqa' t-tmien talba rikorrenti</u>** u tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas lir- rikorrenti **Katya Maria Borg** l-ammont ċert, likwidu u dovut kif aġġustat ta' **seba' mija u sittin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€760.81)**;

(ix) **<u>Tilqa' d-disa' talba rikorrenti</u>** u tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrent **Carl Pace** fl-ammont ċert, likwidu u dovut kif aġġustat ta' **tmint elef, mitejn u ħames Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€8,205.55)**;

Bl-imgħaxijiet dekorribbli bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjeż a karigu tas-soċjeta' intimata.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Reġistratur**